

# Patrimonju u Letteratura: L-Innu Popolari lil San Filep

## Analiżi Kritika tal-Kontenut u l-Istil tal-Innu b'Ħarsa lejn l-Isfond Storiku

**Olivia Borg B.A.(Hons.), M.A.**

## Introduzzjoni

Malli tibda riesqa l-festa jibda jidwi f'moħħna l-kant tal-innu popolari lil San Filep t'Aġġira miktub mill-Poeta Nazzjonali u Żebbuġi wkoll, Dun Karm Psaila. Inkunu qed nistennew il-funzjonijiet fil-knisja li jagħlqu b'dan l-innu tant sabiħ, fost ċapċip li jtarrax. Iżda kemm minna verament nieqfu u naħsbu dwar il-kliem meqjus ta' dan l-innu li nkunu qed inkantaw? Żgur li l-ewforija tal-atmosfera festiva ma tippermettilniex li nagħmlu dan. Għalhekk, f'dan l-artiklu se nkun qed naqsam magħkom diversi osservazzjonijiet interessanti, kemm dwar l-istil u anki dwar il-kontenut ta' dan l-innu li forsi huwa aktar magħruf bl-ewwel żewġ kelmiet tiegħu – "B'għajta sħiħa..."




***Il-monument dedikat lil Dun Karm fil-Furjana***



***L-Istatwa ta' San Filep***

## Il-Kontenut

Bil-kelma "innu," il-Professur Oliver Friggieri jifhem "poeżija lirika, aktarx miktuba biex titkanta, li tesprimi t-twemmin u l-emozzjoni mqanqla mit-twemmin (jew minn xi argument ieħor, politiku jew ideoloġiku). L-innu reliġjuż jislet il-kontenut Teoloġiku u jbiddlu f'taħdit poetiku msieħeb mas-sentiment popolari biex jinftehem u jinħass."[1] Għalhekk, hawn għandna taħlita ta' letteratura, reliġjożità fil-kontenut u mġiba devota.

Tajjeb nirrealizzaw li, għalkemm forsi drajna wisq inkantawh u għalina ż-Żebbuġin huwa espressjoni naturali, hawnhekk għandna biċċa letteratura rikka ħafna, mhux biss għax ħierġa mill-pinna ta' poeta mrawwem sew li kien jaf jorqom il-kliem iżda anki għax tittratta ħsibijiet profondi li għadhom rilevanti sal-lum.

Fl-istrofa introduttorja nsibu stedina mill-poeta liż-Żebbuġin biex nhar il-festa tiegħu jsellmu lil dan il-Qaddis b'għajta kollettiva, ferħana u turija ta' rispett. Dun Karm hawnhekk jappella għas-sensi umani, speċjalment dak tas-smigħ biex idaħħal aktar lilna l-qarrejja fit-ton ċelebrattiv tal-innu. Dan kollu għax il-"kbir Alla" li Dun Karm jirrikonoxxih bħala forza suprema fuq kollox, tana lil San Filep bħala l-"ħares" (il-protettur jew dak li jindokra u jieħu ħsieb) u s-sid ta' raħalna. Jidher li Dun Karm donnu li żamm quddiem għajnejh preċiżament l-istatwa ta' San Filep meta kiteb dan l-innu. Dan għaliex fl-istatwa, San Filep jidher bl-id mgħollija, turija ta' protettur li qed ibierek u jindokra. Dun Karm ifakkarna li din l-istess id, għalkemm għadda sew iż-żmien, baqgħet "taħdem u tirbaħ" kif kienet għamlet f'Aġġira fejn ipproteġiet lin-nies t'hemm mill-biża' u t-theddida tal-ħażen.



***Ġużeppi Caruana***

L-indirizz ta' Dun Karm, fit-tielet strofa, ikkunsidrata bħala ritornell, idur fuq San Filep u bl-akbar ħeġġa jitolbu jkun ħanin ma' dawk li qegħdin isellmulu u jroddulu l-imħabba u l-ġieħ, u b'mod reċiproku, jitolbu jkattar l-għaqda u l-imħabba fi qlubhom. Ir-ritornell ta' dan l-innu jġiegħlna nirriflettu dwar ix-xebħ bejn dan l-innu u l-Innu Malti. F'dan l-innu għandna sejħa fuq bażi komunitarja, fuq livell lokali jew parrokkjali waqt li fl-Innu Malti għandna preċiżament l-istess sejħa iżda fuq bażi kollettiva jew fuq livell nazzjonali meta Dun Karm jikteb "Seddaq il-għaqda fil-Maltin u s-sliem." Dan jurina li qabelxejn, Dun Karm ried li dawn il-kwalitajiet pożittivi jitkattru f'raħal twelidu.

Fir-raba' strofa, il-poeta jfakkar ir-rabta storika b'għeruq sodi bejn iż-Żebbuġin u San Filep. Isemmi l-knisja li bnewlu u ddedikawlu. Jippreżenta l-knisja bħala post ta' rifuġju; post li fih il-bniedem, għax iħossu milqugħ, jesprimi varjetà ta' emozzjonijiet, mill-ferħ san-niket. Kif tixhed din l-istrofa, Dun Karm jippreżenta liż-Żebbuġin bħala leali lejn il-qaddis, għaliex jgħarrfu lil missierhom tas-sema bil-ferħ tagħhom malli temmew il-bini tal-knisja iżda jirrikorru quddiemu bin-niket tagħhom waqt li hu jsabbarhom u jinkoraġġihom biex dan in-niket jegħlbuh. Kien proprju minn hawn li huma ħarġu "qalbiena bħal ljuni" wara li kisbu l-barka tal-missier Filippu. Din l-istess idea tal-ulied leali lejn missierhom hija dominanti f'xogħlijiet oħra ta' Dun Karm u bla dubju hija riflessjoni tas-soċjetà ta' żmienu. Il-ħerqa mqanqla li tingħasar mir-raba' u l-ħames strofa li jevokaw it-tema tar-rabta bejn il-missier u l-ulied fiha klajmaks li jwassal b'mod mill-aktar naturali għar-ritornell.



***Pittura ta' waħda mill-battalji waqt l-Assedju l-Kbir tal-1565***

Fis-seba' u t-tmien strofa, Dun Karm idawwar ħarstu lejn wara l-ġlieda tal-1565 li ntrebħet mill-Maltin. F'dan il-mument, il-ħajja daqsxejn aktar serena li Dun Karm kontinwament kien jixxennaq

għaliha, reġgħet bdiet xi ftit jew wisq issaltan. Iż-Żebbuġin, qalbhom imfawra bis-sliem, reġgħu lura għaż-żmien li fih “tixgħel fost l-aħwa ħaddiema / Lejn Filippu l-ħuġġieġa tannar.” Iż-żmien kompla għaddej iżda dik ix-“xrara” li kienet bdiet tnemnem spiċċat tkebbset u m’hemmx dubju li għadha mkebbsa sal-lum; forsi b’qilla u intensità aktar minn qabel ukoll. Din il-qawwa fl-emozzjoni terġa’ twassal għar-ritornell li hawn jilħaq il-grad trijonfali ta’ klajmaks, rifless preċiżament fil-mużika tal-kompożitur Ġużeppi Caruana (1880-1931) li kien ukoll għal xi żmien *Maestro di Cappella* tal-parroċċa ta’ Ħaż-Żebbuġ; mużika li rrendietu innu immortali.

## L-Istil

F’dan l-innu Dun Karm jinqeda bid-dekasillabu jiġifieri l-vers ta’ għaxar sillabi biex iwassal il-mużikalità solenni mistħoqqa. Kif huwa evidenti u kif iħosshom immedjatament kull min hu midħla tal-kant tal-innu, l-aċċenti jaqgħu hekk: fl-ewwel vers ta’ kull strofa, fuq l-ewwel, fuq it-tielet, fuq is-sitta u fuq id-disa’ sillaba. Fit-tieni, fit-tielet u fir-raba’ vers ta’ kull strofa, narawhom jaqgħu b’mod regolari fuq it-tielet, fuq is-sitta u fuq id-disa’ sillaba. Ir-rima hija mqabbża (bl-iskema a-b-ċ-b) fejn it-tieni vers jirrima mar-raba’ vers matul l-innu kollu. B’dan l-istil, kif mistenni, Dun Karm segwa stil tradizzjonali fil-kitba, jiġifieri segwa r-regoli strutturali u żamm ma’ forma fissa li tixhed mgħallem tas-sengħa tal-kitba. Mhux ta’ b’xejn għalhekk, li Dun Karm, huwa meqjus fost il-kritiċi letterarji bħala dak li għolla l-livell tal-innijiet reliġjużi Maltin fuq il-pedestall dinjituż li jixraqilhom u wriehom bħala kitbiet rikki kif jidher minn din l-analiżi ta’ dan l-innu. Bħala eżempju ta’ fejn jaqgħu l-aċċenti f’kull vers għażilt l-ewwel strofa tal-innu li tinsab riprodotta hawn taħt.

B’għàjta sħìħa ta’ ferħ u ta’ qìma,
B’fehma wàħda ta’ mħàbba, ta’ ġìeħ,
Żebbuġìn, nagħtu lkòll it-tislìma
Lil Filìppu f’dal-jùm hekk sabìħ.

## L-Isfond Storiku tal-Innu

Dan l-innu nkiteb f’April tal-1924. F’dak il-perjodu, Ħaż-Żebbuġ kien qed jipprepara għall-festi li jfakkru għeluq il-mitejn sena mill-miġja tar-relikwa tal-qaddis patrun San Filep. Kien proprju fl-1724, li bl-intervent tal-Gran Mastru Antonio Manoel De Vilhena, il-parroċċa rnexxielha takkwista r-relikwa tal-qaddis li tikkonsisti mill-polz tal-id il-leminija tal-qaddis.[2] Eventwalment, wara dan l-avveniment, bdiet tinxtered l-idea li l-parroċċa għandu jkollha statwa titulari, statwa li finalment waslet Malta fid-29 ta’ Lulju 1863 akkumpanjata mill-artist tagħha Luigi Fontana (1827-1908). Din l-istatwa nħarġet proċessjonalment madwar it-toroq ta’ beltna fil-festa liturġika tas-sena ta’ wara, jiġifieri l-1864.




***Qoxra tal-ktieb “Tagħrif fuq il-Kitba Maltija”***

Kienet is-*Società Filarmonica San Filippo* jew il-Banda San Filep li kkummissjonat diversi baned bil-għan li jallegraw lill-poplu waqt il-festi b'tifkira tal-miġja tar-relikwa.[3] Iżda l-akbar rigal li d-delegati rċevew għall-ħidma siewja li kienu wettqu bi tħejjija għal dawn il-festi kien proprju dan l-innu popolari.[4] F'dik il-ħabta, id-drawwa kienet li mill-kampnari kienu jintefgħu l-karti jew imkatar tal-ħarir b'xi innijiet popolari stampati.[5] Jingħad li hekk kif feġġħet l-istatwa ta' San Filep bħala parti mill-purċissjoni u ntefgħu l-karti b'dan l-innu stampat fuqhom, il-folla preżenti, b'ħeġġa kbira bdiet tipprova taħtaf il-kopji u tant kien hemm kommossjoni li għal mument kważi sfrattat is-solennità tal-purċissjoni.[6]

Hija verament ħasra li dan l-innu dam biex kien rikonoxxut mill-parroċċa bħala l-innu popolari, tant li dam skartat għal aktar minn kwart ta' seklu. Dr. Godfrey Farrugia, fl-artiklu li nirreferi għalih, jistaqsi preċiżament "Tgħid għax kien miktub bil-Malti?"[7] Qed nitkellmu dwar żmien meta l-Malti ma kellu ebda prestiġju, ma kienx meqjus bħala lingwa kolta jew solenni iżda kien kunsidrat minn uħud bħala l-lingwa tal-kċina. Dan kollu seħħ fl-isfond ta' dik li kienet magħrufa bħala l-kwistjoni tal-lingwa li seħħet bejn l-1878 u l-1934 li kienet ġlieda bejn l-Ingliż li kien jissimbolizza l-ħakkiem ta' dak iż-żmien u dak kollu li kien ġdid u t-Taljan li kien marbut mal-Knisja u kien il-lingwa tal-klassi lokali kolta ta' dak iż-żmien. B'hekk naraw li anki f'din il-kwistjoni, il-Malti kien imwarrab, b'verament ftit jagħtu kasu, għax kien meqjus sempliċiment bħala djalett tal-Għarbi. Ir-rebħa tal-Malti fuq it-Taljan u l-Ingliż seħħet hekk kif twieldu l-partiti politiċi li bdew jiġġieldu l-kolonjaliżmu. Biex il-messaġġ tal-partiti jasal kellu jkun bilfors bil-Malti għax il-maġġoranza tal-poplu bil-Malti biss kienet tifhem. L-Ingliż beda jiggwadanja s-saħħa għax sar indispensabbli għal min ried joħroġ mill-ħajja tal-għelieqi u obbligatorju għall-impjieg mal-armata, mal-flotta navali, fiċ-ċivil, fit-Tarzna, mal-Pulizija, fil-ħwienet, fuq il-vapuri, għal xogħol ta' sefturi u għal dawk li riedu jemigraw. Il-kwistjoni tal-lingwa stabbiliet il-Malti bħala lsien uffiċjali, flimkien mal-Ingliż fl-1934 u għadu hekk sal-lum. Il-Malti huwa meqjus ukoll bħala l-ilsien nazzjonali għaliex kif kien jemmen preċiżament Mikiel Anton Vassalli (1764-1829), Żebbuġi ieħor, il-lingwa kienet tfisser nazzjon.



***Ir-relikwa ta' San Filep esposta fuq l-artal maġġur fil-Knisja Arċipretali***

Mal-kwistjoni tal-lingwa bdiet id-diskussjoni dwar jekk l-ilsien Malti kellux jinkiteb la Taljana inkella kellux jinqata' għalih billi juża ittri tal-alfabett differenti. Ir-risposta definittiva tatha l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, illum l-Akkademja tal-Malti, fl-1924 meta xandret it-*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija*. It-*Tagħrif* huwa mibni fuq ir-regoli maħdumin minn Mikiel Anton Vassalli fl-1791.

Nistgħu għalhekk ngħidu li kienet il-Banda San Filep li sa mill-bidu tiegħu tat lil dan l-Innu r-rikonoxximent li jixraqlu. Tant hu hekk li minn żmien għal żmien baqa' dejjem jindaqq u għalhekk inżamm ħaj fuq il-libretti tal-mużika u f'qalb il-poplu Żebbuġi.[8] Kellha tkun l-insistenza tas-Superjur Camilleri tal-Mużew li wasslet biex finalment dan l-innu ngħata l-mertu bħala l-innu popolari tal-festa mill-parroċċa nnifisha.[9]

Fil-fatt, nistgħu ngħidu li dan l-istess destin sfortunatament mess ukoll lill-Innu Malti stess li wkoll dam biex ġie rikonoxxut uffiċjalment u li nkiteb proprju fl-istess perjodu tal-Innu Popolari lil San Filep. L-Innu Malti nkiteb fl-1922 iżda kien fl-1941 li ngħata għarfien uffiċjali, però xorta ma kienx rikonoxxut bħala l-Innu Nazzjonali għaliex il-ħakkiema qalu li kien hemm Innu Nazzjonali wieħed biss għal Malta, bħalma kien hemm fil-każ tal-kumplament tal-Imperu, jiġifieri l-'God save the King' (jew 'God save the Queen' skont min ikun fuq it-tron). L-Innu Malti kien jindaqq imma ma kienx jingħata unuri formali bħalma hu s-salut militari. Kien biss meta Malta saret indipendenti, fil-21 ta' Settembru 1964, li l-Innu ġie rikonoxxut fil-Kostituzzjoni bħala l-Innu Nazzjonali. Friggieri jemmen li "Id-data meta jkun sar Innu Nazzjonali tindika li l-pajjiż ikun laħaq livell għoli ta' kuxjenza tiegħu nnifsu bħala poplu li jsawwar nazzjon."[10] Jenfasizza li "Ir-rabta tal-Innu Malti mas-sena 1922 hi indikazzjoni li l-poplu Malti kien qiegħed jafferma n-nazzjonalità tiegħu fl-għoxrinijiet tas-seklu għoxrin."[11] Fuq bażi komunitarja, anki jekk inkonxjament, il-poplu Żebbuġi u l-Banda San Filep kienu qed jagħtu l-istima mistħoqqa anki lil ilsienna billi żammew ħaj l-innu tal-festa fi żmien li matulu kellhom imorru kontra l-kurrent ġenerali.

## Konklużjoni

Bla dubju, dan l-innu huwa kunsidrat bħala s-simbolu komunitarju tal-poplu Żebbuġi. Apparti li ħiereġ mill-pinna u l-ħila ta' Żebbuġi prominenti, jesponi l-identità Żebbuġija fil-milja kollha tagħha. Huwa innu li f'għajnejn ħafna jieħu l-ħajja nhar it-12 ta' Mejju fil-festa liturġika u fil-ġimgħa tal-festa f'Ġunju iżda f'qalb iż-Żebbuġin, kemm dawk tal-qrib u anki dawk tal-bogħod, dan l-innu kien, għadu u jibqa' ħaj.

## Innu Popolari lil San Filippu ta' Aġġira

B'għajta sħiħa ta' ferħ u ta' qima,
B'fehma waħda ta' mħabba, ta' ġieħ,
Żebbuġin, nagħtu lkoll it-tislima
Lil Filippu f'dal-jum hekk sabiħ.

Lilu tana, qaddisna, l-kbir Alla,
Hu tar-raħal il-ħares, is-sid;
Bħalma ħadmet u rebħet f'Aġġira,
Baqgħet taħdem u tirbaħ dik l-id.

O missier maħbub Filippu,
Dejjem magħna kun ħanin;
Żomm il-għaqda, żomm l-imħabba
Ġewwa qlub iż-Żebbuġin. *(Ritornell)*

Lilu l-knisja ma' qalbhom ħatrulu
Dawk li l-knisja b'ħilithom temmew;
F'din il-knisja l-ferħ tagħhom ħabbrulu
Hawn fin-niket bis-sabar imtlew.



Meta waslet is-siegħa tal-qilla,
Hawn inġabru, taw bewsa ’l xulxin;
Minn hawn ħarġu qalbiena bħal ljuni
Għat-taqbida mat-Torok kefrin.

O missier ... *(Rit.)*

Wara r-rebħa, fis-sedqa, fis-sliema,
Ġewwa l-knisja, fir-raba’, fid-djar,
Baqgħet tixgħel fost l-aħwa ħaddiema
Lejn Filippu l-ħuġġieġa tan-nar.

Drabi ferħ, drabi niket u biża’,
Fuq dal-ġens għaddew snin bil-mijiet,
Iżda x-xrara qaddisa li kibset
Ġewwa qlubhom qatt iżjed ma ntfiet.

O missier ... *(Rit.)*



***Il-Poeta Nazzjonali Dun Karm Psaila – Iben dehen ta’ San Filep***

## Appendiċi




***Manuskritt bil-mużika tal-Innu Popolari lil San Filep***





Inni Popolari

1 T'Adoriam Ostia Divina
2 S. Dom. "Calaroga ecc.
3. O Dio di clemenza
4. ("Bambina Singlea" [illegible]
5 Riedak il [illegible] Mulejja
6 Raga sebati ja Mulejja
7 Il [illegible] ta Mejjil –
8 Kalb ta Gesù
9 Madonna tal Mellieħa
10 8. Settembre.
11 Isem ta Gesù
12 Fuk il Kabar ta S. Pietru u Paul
13 Inno dei Naufragi Domenicani
14 Cantico alla B.V. di Pompei
15. "Foedus"
16 Lil S. Filep d'Aggira.
17 a St Elena
18) A Gesù Re dei cuori (per Christo Re 1931)
19) Inno missionario
Innu tal Kungress Ewkaristiku

***Lista ta' innijiet li kkompona s-Surmast Ġużeppi Caruana u li fosthom, bin-numru 16, insibu l-Innu Popolari lil San Filep***



***"Dejjem magħna kun ħanin"***

**Referenzi:**

[1] Friggieri, Oliver. *Dizzjunarju ta' Termini Letterarji: L-Edizzjoni l-Ġdida Mkabbra*. Malta: Publishers Enterprises Group, 2000, paġna 310.

[2] Mizzi, Fr. Joe. "Żebbuġ's silver statue of St. Philip is restored to its original glory." *timesofmalta.com*. Artiklu fil-ħarġa tat-8 ta' Ġunju 2014. http://www.timesofmalta.com/articles/view/20140608/arts-entertainment/-ebbu-s-silver-statue-of-St-Philip-is-restored-to-its-original-glory.522644

[3] Farrugia, Dr. Godfrey. "Dun Karm u l-Għaqda Każin Banda San Filep A.D. 1851" f'*Atti tat-Tifkira tal-Ħamsin Sena mill-Mewt tal-Poeta Nazzjonali, 19 ta' Frar 2011*. Ed. Philip Balzan. Malta: Każin Banda San Filep u Best Print, 2011, paġna 27.

[4] Ibid.

[5] Ibid.

[6] Ibid.

[7] Ibid.

[8] Ibid.

[9] Ibid.

[10] Friggieri, Oliver. *L-Istorja tal-Innu Malti: Kif Sar u Xi Jfisser.* Malta: Klabb Kotba Maltin, 2014, paġna 7.

[11] Ibid.